MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 202/2012

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat opprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

A. Dikjarazzjoni tal-fatti

1. Illi l-kontendenti zzewgu bir-rit Kattoliku nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) gewwa l-Knisja ta' San Alwigi, Birkirkara, fejn l-att taz-zwieg taghhom igib in-numru elf, seba' mija u sbatax tas-sena elfejn (1,717/2000) hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;

2. Illi l-kontendenti msemmija huma prezentament legalment separati hekk kif jirrizulta minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-Atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat is-sbatax (17) ta' Marzu tal-elfejn u hdax (2011), illi kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok B;

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied u cjoe' : M li twieldet nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tal-elfejn u wiehed (2001) u wild iehor bl-isem ta' K li twieled nhar l-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005);

4. Illi z-zwieg tal-kontendenti gie effettivament celebrat wara li l-konvenuta kienet harget tqila erba' (4) xhur qabel ma huma zzewgu. Ir-relazzjoni ta' bejniethom qabel iz-zwieg kienet nieqsa minn kull hegga ghaz-zwieg, filwaqt li kien hemm pressjoni zejda mill-familjari b'rizultat tat-tqala tal-konvenuta, huma kellhom bilfors jizzewgu, minghajr l-ebda ippjanar tal-hajja mizzewga u bizzejjed konsepevolezza tal-karattri rispettivi. Fil-fatt, din in-nuqqas ta' konsepevolezza tal-karattri swiet qares lir-rikrrenti li ma kienx jaf bit-temperament vjolenti u abbuziv tal-konvenuta;

5. Illi hekk kif jirrizulta mix-xhieda tal-esponenti stess, qabel ma huma zzewgu kien hemm inevitabilment eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, kif ukoll kien hemm neqsin numru ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Dawn l-elementi essenzjali jistghu jigu dedotti fil-fattur ta' nuqqas ta' mhabba li kienet turi l-konvenuta lejn l-esponenti u li ma kien jimpurtaha xejn mid-dmirijiet u l-obbligi li sejra toffri l-hajja konjugali;

6. Illi tajjeb wiehed izid illi qatt ma kien hemm rabta certa u fejjieda bejn il-partijiet, u ghalhekk ir-rikorrenti baqa' jistenna li jitranga l-karattru tal-konvenuta, dan mar ghall-aghar;

7. Illi l-hajja ta' bejn l-kontendenti saret impossibli minhabba vjolenza, servizzi, minacci u ingurji gravi li wettqet il-konvenuta ftit wara iz-zwieg. Minbarra dak premess, kien hemm ir-raguni ta' inkompatibilita' bejn il-kontendenti li bdiet timmanifesta ruhha fl-imgieba vjolenti tal-istess konvenuta. B'hekk l-istess rikorrenti hass il-htiega li jintavola dan ir-rikors sabiex jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attur;

B. Raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri

1. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) jigi dikjarat null u bla effett skond il-ligi stante illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-partijiet jew min minnhom illi jaqdu l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u dan ai terminu ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi ulterjorment iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi anke ghall-finijiet ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg, stante illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga;

Talab in vista ta' dak kollu premess li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja id-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) huwa null u bla effett fil-ligi ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' Artikoli 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li in forza taghha hija eccepiet :

1. Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari, jigi eccepit illi in virtu' tal-kuntratt ta' separazzjoni personali konkluz bejn il-kontendenti fis-17 ta' Marzu 2011, l-eccipjenti irrivertiet ghal kunjomha xbubitha, cioe' D`, u ghalhekk hemm lok ghad-debita korrezzjoni fl-okkju tar-Rikors Guramentat fl-ismijiet premessi;
2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-eccipjenti taqbel illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fid-29 ta' Settembru 2000 ghandu jigi dikjarat null kif mitlub mir-rikorrenti;
3. Illi b'danakollu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghan-nullita' taz-zwieg bejn il-kontendenti, liema nullita' hija dovuta unikament ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti li konsegwentement ghandu jbati l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat id-29 ta' Settembru 2000[1] jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u 19(1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Illi l-intimata, taqbel li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null izda ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli lir-rikorrent.

**Il-verzjoni tal-attur**

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 8 tal-process

L-attur jghid li zzewweg lill-intimata meta din tal-ahhar kellha erba' xhur tqala. Jghid li d-decizjoni sabiex jizzewgu haduha biss wara li skoprew li l-intimata kienet tqila. Fil-fatt, l-istess rikorrent jghid li ried jizzewweg "***mhux ghax kont cert mid-decizjoni tieghi pero' ridt nizzewweg ghall-fatt illi kont ha ngib tarbija fid-dinja***"[2]. Din it-tqala xejn ma kienet pjanata, tant li r-rikorrent in ezami jghid li "***it just happened***"[3] pero' la kienet tqila, ittiehdet id-decizjoni (anke sforz il-pressjoni da parti tal-familjari taghha) li jizzewgu, minkejja li qabel dak iz-zmien qatt ma kienu jitkellmu fuq zwieg ghax fi kliem l-istess rikorrent "***konna nghixu hajja dejjem nohorgu***"[4]. Tant hu hekk li jghid li kellu jbiegh xi mobbli biex ikollu flus bizzejjed ghall-kiri tal-ilbies tal-irgiel ghat-tieg. Xejn ma kien pjanat tant li r-rikorrent, anke minhabba l-mezzi finanzjarji li kienu limitati, kien kera appartament fil-Gzira sabiex imorru jghixu fih.

Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied izda jghid li beda jiskopri l-veru karattru vjolenti tal-konvenuta meta kien wasal l-ewwel Milied wara z-zwieg. Jispjega li waqt li kien qed jiehu drink ma' shabu tax-xoghol fil-festi tal-Milied, hi dahlet fil-hanut u faqqatlu daqqa ta' ponn fuq wiccu bil-konsegwenza li qasmitlu mohhu, fargitu u kissritlu n-nuccali. Ir-raguni ghaliex ghamlet hekk, kienet misteru, kemm ghar-rikorrent kif ukoll ghal shabu prezenti. Jispjega li dan kien l-ewwel episodju ta' vjolenza u peress li qabel ma kienx hemm xi argumenti bejniethom, ma setax jifhem x'wassalha biex tagixxi hekk. Wara anke insistenza da parti tal-familjari tieghu, u wara jumejn 'il boghod mid-dar, ir-rikorrent iddecieda li ghandu jahfer, anke minhabba l-fatt li l-intimata kienet tqila bit-tarbija tieghu.

Jghid li l-intimata zzewgitu biss minhabba l-fatt li kienet tqila u xejn aktar. Min-naha tieghu jghid li ma zzewwigx minhabba konvenjenza imma haseb li l-karattru taghha seta' jigi ghall-ahjar pero' jishaq li ma kienx jaf b'dan l-aspett vjolenti tal-karattru taghha. Fil-fatt jispjega li kien

[2] Ara a fol 67 tal-process
[3] Ara a fol 67 tal-process
[4] Ara a fol 68 tal-process

hemm episodji ohra ta' vjolenza fiz-zwieg u jinsisti li dan l-element fil-karattru taghha kien prezenti qabel iz-zwieg (ghaliex ma jahsibx li jista' jkun li wiehed jista' jsir vjolenti f'daqqa wahda), izda b'xi mod hi irnexxielha zzommu mistur minnu. Jghid ukoll li l-atteggjament taghha ma kienx wiehed normali u li minhabba dawn l-episodji u incidenti ta' vjolenza, l-intimata ma setghetx taqdi d-dmirijiet taghha bhala mara mizzewga. Qatt ma kienet tnaddaf jew taghmel ix-xirja ta' kuljum jew ta' kull gimgha. It-tindif kien isir jew mis-seftura jew mir-rikorrent stess.

Ir-rikorrent jghid li martu ma kienitx matura u kienet tahseb li z-zwieg ma jirrikjedix sakrificcji kbar u responsabbilita' shiha. Riedet biss tixxala u thalli d-dar abbandunata. Maz-zmien bdiet thalli lir-rikorrent id-dar jiehu hsieb lit-tfal filwaqt li hi kienet tohrog tiddeverti. Dwar dan l-aspett, ir-rikorrent ma kienx kuntent ghaliex mara mizzewga m'ghandhiex tkun Paceville sas-sieghat bikrin ta' filghodu u tmur lura d-dar xurbana. Ma kellhiex hegga ghaz-zwieg u zzewget anke sforz il-pressjoni zejda li ghamlu l-familjari taghha meta skoprew li kienet tqila.

L-atti ta' vjolenza baqghu ghaddejjin (u kien hemm episodji wkoll fejn anke l-minuri kienu vittmi) izda minkejja dan kollu, l-intimata qatt ma talbet skuza ghall-agir taghha u ghan-nuqqas ta' rispett li dejjem urieh lejh. Finalment kienet l-intimata li hadet id-decizjoni li l-partijiet ghandhom jisseparaw ghaliex ma kellha ebda rispett jew imhabba lejh.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimata</u>**

L-intimata tghid li ltaqghet mar-rikorrent f'Awwissu 1997. Tghid li z-zmien ta' qabel iz-zwieg kien ikkaratterizzat minn hrug u safar kif ukoll *weekend breaks* li matulhom, ir-rikorrent kien jghaddi rimarki negattivi fuq il-kumpannija tal-familja tal-intimata u kien jghid ukoll li kienet ser tiggieled mal-familja taghha u hutha biex tispicca tinqata' min-negozju tal-familja. Tghid li l-gherusija thassret mir-rikorrent tliet darbiet bejn il-perjodu tas-sena 1999 u 2000 izda b'xi mod, kien dejjem imur lura ghandha u jitlobha jirrangaw u jkomplu fejn kienu waqfu. It-tqala taghha giet fi

zmien meta r-rikorrent kien jghidilha li ma kienx deciz jekk kienx ihobbha jew le izda hekk kif sar jaf li kienet tqila, insista li jizzewgu qabel ma titwieled it-tarbija.

L-intimata tghid li minhabba l-insikurezza li kellha minhabba l-fatt li r-rikorrent ma kienx deciz, riedet li tistenna sa' wara t-twelid tat-tarbija biex tara kif ser imorru bejniethom qabel ma jizzewgu u dwar dan, anke l-genituri taghha kienu qablu u ghalhekk tichad li l-genituri taghha ghamlu xi pressjoni biex isir dan iz-zwieg. Accettat li jsir iz-zwieg u sar kollox ta' malajr.

Tghid li immedjatament wara z-zwieg, l-attitudni tar-rikorrent iddeterjorat u kien f'dan iz-zmien li bdiet tirrealizza li ma kienx ihobbha. Beda jmur id-dar tard bil-lejl u qatt ma ried li jkunu intimi flimkien bl-iskuza li kienet tqila u li ma kienx ihossu komdu. Tispjega wkoll li qatt ma kielu flimkien bhala koppja ghaliex ir-rikorrent kienu ikun irid jiekol ghall-habta tas-1.00am wara li jkun xorob xi tmien fliexken birra.

Tghid ukoll li kellu kunfidenzi zejda mat-tfajliet ta' fuq ix-xoghol tant li darba mar ic-cinema ma' tfajla Germaniza u dwar dak l-episodju fejn ir-rikorrent isemmi li marret u taghtu daqqa ta' ponn f'wiccu ghal xejn b'xejn, l-intimata tispjega li wara li kienet ilha tistennieh gej lura d-dar, marret tfittxu f'bar u sabitu bi tfajla ta' nazzjonalita' Franciza fuq hoggru. Kien ghalhekk li ghamlet ghalih u li b'konsegwenza ta' dan kollu, r-rikorrent ma raqadx id-dar ghal jumejn shah. Tghid li lanqas biss ikkomunika maghha, minkejja li kienet tqila.

Wara t-twelid tat-tarbija, l-attitudni tar-rikorrent marret ghall-aghar u lanqas ried li jkunu aktar intimi flimkien tant li din it-tip ta' hajja saret kwazi normali ghaliha. Kien jivvinta l-argumenti fuq ix-xejn, semplicement biex jirvina l-pjanijiet li jkollha, inkluz il-*lucky birthday* taghha meta la xtaqilha xi awguri, la xtralha kartolina u wisq anqas xtralha rigal.

L-intimita' ta' bejniethom regghet giet attiva meta l-intimata riedet it-tieni tarbija. Minkejja li r-rikorrent ma

kienx jaqbel ma' din l-idea, ceda u accetta li jippruvaw ghat-tieni tarbija. Inqabdet tqila malajr u tiddiskrivi din it-tieni tqala bhala zmien fejn ir-rikorrent kien krudili hafna maghha. Kien jivvinta l-glied u l-argumenti, ma jqattax hin ma' martu u bintu u jixrob hafna wkoll. Tghid ukoll li kien jitkellem fuq certu Gertrude b'mod posittiv hafna u kien wara li sseparaw li skopriet li fil-verita' kellhom relazzjoni li kienet ilha ghaddejja u li wara s-separazzjoni, setghu johorgu fil-berah dwarha.

Ir-rikorrent dahal f'negozju ma' terz li mar tajjeb u b'konsegwenza ta' dan, rema l-hwejjeg kollha li kienet xtratlu hi biex ikunu *designer clothes* u beda jitkellem biss fuq l-arloggi li kien jixtrilu dan il-*partner* tieghu fin-negozju, hwejjeg tad-ditta u affarijiet materjali biss filwaqt li kien iwarrab lil martu u lil bintu.

Tghid li qatt ma kienet kuntenta fiz-zwieg u dan ghal hafna ragunijiet pero' ma tistax issib raguni ghaliex zewgha ma kienx kuntent ghaliex meta staqsietu, l-unika risposta li taha kienet dik li "***its just me***"[5]. L-intimata tghid li qisu r-rikorrent kellu hafna mibgheda go fih u beda jaghmel hafna hsara god-dar u jrendilha hajjitha insapportabbli billi anke jaghmel atti vandali fl-istess dar apposta.

Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li m'ghandha ebda problema psikologika li ggieghla tuza l-vjolenza izda zzid tghid li minhabba l-imgieba krudili, inspjegabbli u xejn normali tieghu lejha, sa' mill-bidu nett taz-zwieg u anke qabel, kien igieghla thossha *insecure* u tahseb li r-rikorrent kien jiehu pjacir li jgieghla thossha hekk.

## <u>**Il-Mertu tal-Kaz odjern**</u>

Il-qorti tirrileva li l-partijiet jaghtu verzjonijiet pjuttost kontrastanti dwar iz-zwieg taghhom u l-*modus vivendi*. L-intimata tressaq ukoll zewg xhieda u cioe' ommha u ohtha.

[5] Ara a fol 80 tal-process

Omm l-intimata, Lorna Marie D’ tghid li l-gherusija tal-partijiet kellha l-problemi sa’ mill-bidu nett tant li r-rikorrent telaqha xi tliet darbiet ghax ma kienx ghadu jhobbha, pero’ dejjem regghu irrangaw. Tikkonferma li l-partijiet izzewgu meta l-intimata bintha kienet tqila bl-ewwel tarbija u tghid li immedjatament wara z-zwieg qatt ma ratha kuntenta. Tirrakkonta numru ta’ episodji pero’ jirrizulta b’mod car li hafna minnhom ma kienitx prezenti ghalihom l-istess xhud izda taf dwarhom ghaliex l-istess bintha tkun infurmatha jew qaltilha dwarhom.

Oht l-intimata, Mireille Muscat tixhed ukoll li tul l-gherusija kien hemm drabi fejn spiccaw u tghid li dawn misshom kienu sinjali ghall-konvenuta sabiex tinduna li kien hemm xi haga hazina fir-relazzjoni taghhom, pero’ tghid li l-intimata kienet thobbu u ghalhekk kienet terga’ taccettah lura. Tghid li t-tqala ma kienitx pjanata u li kien ir-rikorrent li ried jizzewweg akkost ta’ kollox. Tirrakkonta diversi episodji izda bhal ma taghmel ommha stess, tirrakkonta biss dak li qaltilha bih l-intimata u xejn aktar. Ghalkemm issemmi lil certu Gertrude li skont ir-rikorrent, l-attur kien ifahhar hafna, darba fost l-ohrajn semghetu jghid li din Gertrude kapaci tnehhilu t-tbajja minn fuq hwejjeg ghall-kuntrarju ta’ martu. Tali diskors kien is-sors ta’ argument bejn il-partijiet, liema argument qam fil-prezenza tax-xhud. Issemmi episodji ohra izda l-maggor parti taghhom issemmihom bhala fatti hekk kif rakkontati lilha minn ohtha u ma esperjenzathomx hi.

F’dan l-istadju ai termini tal-istess xiehda, l-qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-istess xhieda abbazi tal-artikoli li fuqhom qieghed jibbaza l-kawza tieghu l-istess attur.

Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6]

[6] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta’ xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

“***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***”***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[7] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg,  il-qorti thoss li l-

[7] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg semplicement ghax l-intimata kienet tqila u xejn aktar. Jirrizulta car mill-atti li d-decizjoni ghaz-zwieg giet formata biss b'konnessjoni ma' din l-istess tarbija u xejn aktar,tant li l-partijiet kienu hassru xi tliet darbiet qabel u ma kellhom xejn pjanat ghal xi zwieg. Kollox sar ta' malajr. Ghalkemm il-partijiet ma jaqblux dwar ta' min kienet l-idea li jizzewgu jew jekk kienx hemm xi pressjoni da parti ta' terzi sabiex isir dan iz-zwieg, fil-verita' jirrizulta li d-decizjoni sabiex il-partijiet jizzewgu kienet ibbazata fuq il-fatt li l-intimata kienet tqila u xejn aktar u li kieku ma kienitx tqila tali zwieg ma kienx isehh jew ghall-anqas ma kienx ikun daqshekk vicin u ta' malajr (tant li l-intimata kienet ghadha tqila meta l-partijiet izzewgu).

Il-fatt li l-partijiet (irrispettivament jekk kienx hemm xi forma ta' pressjoni ghaz-zwieg) raw iz-zwieg bhala s-soluzzjoni minghajr ma rrealizzaw li kienu qieghdin jiehdu decizjoni tant importanti b'mod tant mghaggel, juri kemm din kienet decizjoni affrettata u bbazata fuq ragunijiet hziena li juru sens ta' immaturita' da parti taz-zewg partijiet.

Dwar l-Artikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[8] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel

[8] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mill-provi migbura m'hemm ebda prova konkreta dwar xi forma ta' simulazzjoni li abbazi taghha din il-qorti tista' tkun inklinata li tilqa' din it-talba abbazi ta' dan l-artikolu. Huwa minnu li l-attur isemmi l-fatt li l-intimata kienet tabbanduna d-dar u ghalhekk jikkontendi li kienet tabdika mir-responsabbilitajiet bhala mara tad-dar, pero' dan mhux prova ta' simulazzjoni. L-istess jinghad ghall-allegazzjoni dwar l-intimita' li ssemmi l-intimata. Din il-qorti tifhem li kien hemm problemi relatati mal-intimata bejn il-partijiet izda dak li trid turi l-intimata huwa li fil-mument propizju, l-attur (fil-hin tal-kunsens u mhux wara) eskluda l-intimita' ta' bejniethom, bhala wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

Il-qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[9] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher li m'hemmx provi bizzejjed biex jinghad li kien hemm xi simulazzjoni da parti ta' xi wahda jew wiehed mill-partijiet. Fin-nuqqas ta' tali prova, allura l-qorti ma tista' taghmel xejn aktar hlief li tichad l-applikabbilita' ta' dan l-Artikolu.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[9] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell